MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2335/2002

**Stephen Mamo**

**Vs**

**Keith Perry**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tal-ammont ta’ Lm226.22 (mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) rapprezentanti n-kwantu ghal Lm157.22 (mija u seba’ u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu) dawl u ilma dovut mill-konvenut meta kien qed jikri l-fond “Rustica”, Lapsi Street, St Julians minghand l-attur u Lm69 (disa’ u sittin lira Maltin) rapprezentanti danni kagjonati fl-ghamara tal-attur.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 16 t’Awissu 2002. Bl-imghax legali.

Sema’ lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-bilanc dovut huwa ta’ disgha u sittin Lira (Lm69) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma pprezentax risposta.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ disgha u sittin Lira Maltin (Lm69), jikkundanna lil konvenut ihallas l-istess somma bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------